MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tas-27 ta' Lulju, 2006

Appell Kriminali Numru. 161/2006

**Il-Pulizija**

***Versus***

**Rose Testa**

Dan huwa appell minn sentenza li sabet lill-appellanti ħatja taħt l-art. 85 tal-Kodiċi Kriminali.
L-appellanti kienet mixlija talli fl-10 t'Ottubru 2005 u fix-xhur ta' qabel, fil-Floriana, bla ħsieb li tisraq jew li tagħmel ħsara kontra l-liġi iżda biss biex tinqeda b'jedd illi tippretendi li għandha, fixklet lil missierha Joseph Testa personalment jew permezz tal-prokuraturi tiegħu Mario Testa u Natalie Camilleri, ħut l-istess appellanti, fil-pussess ta' ħwejġu billi żammithom milli jidħlu fid-dar numru erbgħin (40), Triq l-Imħażen, il-Floriana, proprjetà ta' l-imsemmi Mario Testa.
B'sentenza tal-25 t'April 2006 il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabet lill-appellanti Rose Testa ħatja ta' l-imputazzjoni miġjuba kontra tagħha,

ikkundannatha ammenda ta’ għaxar liri (Lm10) u ordnat li fi żmien jumejn mis-sentenza tagħti aċċess lill-proprjetarju u/jew lill-prokuraturi tiegħu.

B’rikors ta’ appell ippreżentat fit-2 ta’ Mejju 2006 l-appellanti talbet illi din il-qorti tħassar is-sentenza appellata u lilha teħlisha minn kull ħtija u piena.

Il-fatti seħħew hekk:

L-appellanti ma għandhiex dar tagħha u għalhekk Joseph Testa, missierha, kien laqagħha għandu fid-dar tiegħu u żammha toqgħod miegħu. Maż-żmien, iżda, ġara li Joseph Testa ma baqax kuntent joqgħod fl-istess dar ma’ bintu, u, anzi, ma felaħx joqgħod iżjed magħha, tant illi, meta kellu joħroġ mid-dar biex imur l-isptar, ma riedx imur lura d-dar tiegħu u mar joqgħod f’dar ta’ l-anzjani.

Wara xi żmien ried li jerġa’ lura f’daru, ukoll biex jieħu xi ħwejjeġ personali tiegħu, iżda meta ż-żewġ uliedu l-oħra, ħut l-appellanti, marru d-dar ta’ missierhom, sabu illi ma setgħux jidħlu għax l-appellanti kienet bidlet is-serratura. Għalkemm fittxew li jaslu bil-kelma t-tajba, ma waslu mkien, u lil missierhom kellhom ukoll jixtrulu saqqu u *television set* ġodda għax ma setgħux jidħlu fid-dar biex jeħdulu tiegħu. Sar ukoll rapport lill-pulizija li wassal għall-proċeduri tallum, u l-appellanti nstabet ħatja ta’ eżerċizzju arbitrarju ta’ pretensjonijiet taħt l-art. 85 tal-Kodiċi Kriminali.

L-aggravji ta’ l-appellanti kontra s-sentenza li sabitha ħatja huma dawn:

1. “il-prokura ma setgħetx tissostitwixxi x-xhieda tas-sid”;
2. “min ikollu l-pussess f’idejh mogħti leġittimament ma jistax jingħad li qed ifixkel lil ħaddieħor fil-pussess ta’ ħwejġu”;
3. “il-parti li allegatament kontra tagħha jkun sar ir-reat trid tiddeponi li hi ġiet spussessata”, iżda Joseph Testa ma xehedx u ma setax isirlu kontro-eżami;
4. “il-fatt li l-aħwa kellhom il-prokura ma jfissirx li setgħu jbiddlu l-i*status* legali instawrat mill-missier anke ċivilment”;
5. “il-pussess kien f’idejn il-missier u bintu [l-appellanti]”; il-prokuraturi ma kellhomx il-pussess f’idejhom u għalhekk ma jistgħux jilmentaw li sar reat kontriehom.

L-ewwel aggravju — li "l-prokura ma setgħetx tissostitwixxi x-xhieda tas-sid" — tressaq għax Joseph Testa, raġel ta' tmienja u disgħin (98) sena, għal raġunijiet mediċi ma xehedx.

L-effett tal-prokura għall-għanijiet tal-proċeduri tallum ma kienx illi biha l-prokuratur ikun jista' jixhed f'isem dak li ħatru. Min għandu pussess jista' jinqeda b'dak il-pussess kemm personalment kif ukoll permezz ta' ħaddieħor. Għalhekk, min ifixkel lill-prokuratur li jkun irid jagħmel att ta' pussess fl-isem u fl-interess tal-pussessur ikun qiegħed effettivament ifixkel lill-pussessur.

Dwar in-nuqqas ta' xhieda, għandu jingħad illi għalkemm huwa minnu li l-liġi fl-art. 638 tal-Kodiċi Kriminali trid "li tinġieb il-prova l-aktar sħiħa u sodisfaċenti illi l-każ ikun jagħti, u li ma jitħalla barra ebda xhud li x-xiehda tiegħu tkun importanti", din il-ħtieġa għandha titqies fid-dawl tal-possibbiltajiet taċ-ċirkostanzi tal-każ. Fil-każ tallum tassew illi Joseph Testa huwa xhud "li x-xiehda tiegħu tkun importanti", iżda saħħtu u l-età tiegħu ma jippermettulux li bla ħsara għal saħħtu jgħaddi mit-tensjoni li jixhed. Dan ma jfissirx illi ma għandux jingħata l-protezzjoni tal-liġi għat-tgawdija ta' ħwejġu, u dik il-protezzjoni ma tingħatalux bil-kondizzjoni illi jirrinunzja għall-jedd fondamentali tiegħu għal ħarsien kontra trattament li, fiċ-ċirkostanzi tiegħu, ikun inuman.

Li Joseph Testa kellu l-pussess ta' daru — għax missier li jħalli lil bintu toqgħod miegħu ma jkunx b'hekk ċeda l-pussess — u li kien imfixkel f'dan il-pussess mill-appellanti, għax din ma ħallitux, personalment jew permezz ta' ħaddieħor, jidħol f'daru, jirriżulta mix-xhieda ta' Mario Testa u ta' Nathalie Camilleri. Il-qorti ma tarax li hemm xi raġuni għala dawn ix-xhieda ma għandhomx jitwemmnu, aktar u aktar meta tqis illi l-appellanti stess ma xehditx quddiem din il-qorti biex tgiddibhom.

L-ewwel aggravju ta' l-appellanti, għalhekk, ma huwiex tajjeb.

It-tieni aggravju — li "min ikollu l-pussess f'idejh mogħti leġittimament ma jistax jingħad li qed ifixkel lil ħaddieħor fil-pussess ta' ħwejġu" — ma huwiex relevanti għall-meritu ta' dan l-appell. Il-kwistjoni ma hijiex jekk l-appellanti wkoll għandhiex pussess; il-kwistjoni hi jekk Joseph Testa għandux pussess u kienx imfixkel mill-appellanti

f'dan il-pussess. Ukoll jekk hu minnu dak li tgħid l-appellanti fir-rikors ta' l-appell tagħha (għalkemm mhux imwettaq ukoll bix-xhieda), li missierha taha d-dar b'kommodat, dan ma jfissirx li taha drittijiet esklużivi, u li hu tneżża' għal kollox mill-pussess. Anzi, l-appellanti stess fir-rikors ta' l-appell tistqarr illi "l-pussess kien f'idejn il-missier u bintu [l-appellanti]". Li għamlet bi ksur tal-liġi l-appellanti ma huwiex li hi wkoll inqdiet bid-dar, iżda li fixklet lil missierha milli jinqeda hu wkoll, personalment jew permezz ta' ħaddieħor magħżul minnu.

It-tielet aggravju — li "l-parti li allegatament kontra tagħha jkun sar ir-reat trid tiddeponi li hi ġiet spussessata" — huwa essenzjalment bħall-ewwel wieħed. Il-prova li Joseph Testa kien imfixkel fit-tgawdija ta' ħwejġu irriżultat minn xhieda oħra.

Ir-raba' aggravju — illi "l-fatt li l-aħwa kellhom il-prokura ma jfissirx li setgħu jbiddlu l-i*status* legali instawrat mill-missier anke ċivilment" — ukoll għandu l-istess meritu bħat-tieni wieħed. Il-prokura ma bidlet ebda *status* legali. Jekk l-appellanti wkoll kellha jedd, mogħti lilha mill-missier, li hi wkoll toqgħod fid-dar, baqgħet tgawdi dak il-jedd. Il-kwistjoni, kif ġà għidna, ma hijiex illi l-appellanti qiegħda toqgħod fid-dar kontra r-rieda ta' missierha, iżda li lil missierha fixklitu fit-tgawdija ta' ħwejġu, li baqgħu tiegħu u fil-pussess legali tiegħu wkoll wara li lill-appellanti laqagħha għandu.

L-aħħar aggravju — li l-pusses kien f'idejn il-missier u f'idejn l-appellanti, u mhux f'idejn il-prokuraturi — huwa għal kollox irrelevanti. L-appellanti ma kinitx mixlija li fixklet lil ħutha fil-pussess ta' ħwejjiġhom iżda li fixklet lil missierha. Ġà rajna illi l-pussessur jista' jinqeda bi ħwejġu kemm personalment kif ukoll permezz ta' ħaddieħor, u fil-każ tallum il-missier għażel li jinqeda bi ħwejġu permezz ta' ħut l-appellanti. Għalhekk, meta l-appellanti ma ħallietx lil ħutha jidħlu fid-dar ma kinitx qiegħda tfixkel lilhom fit-tgawdija ta' ħwejjiġhom iżda kienet qiegħda tfixkel lill-missier.

Billi għalhekk ma ntweriet ebda raġuni tajba għala għandha tħassar is-sentenza li minnha sar l-appell, il-qorti tiċħad l-appell u twettaq is-sentenza mogħtija fil-25 t'April 2006 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.

Tordna wkoll illi tintbagħat kopja ta’ din is-sentenza lill-ewwel qorti kif irid l-art. 428(8) tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------